

32001D0301

12.4.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 102/73

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-11 ta' April 2001**

**li temenda d- Deċiżjoni 92/486/EEC li tistabilixxi l- forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru host  
ANIMO u l- Istituti Membri**

(innotifikata taħt dokument numru K(2001) 1100)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/301/KE)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id- Direttiva tal- Kunsill 90/425/KEE tas- 26 ta' Ġunju 1990 dwar il- kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbi għall- kummerċ intra- komunitarju f' ċerti annimali u prodotti bil- għan li jkun ikkompletat is- suq intern (¹), kif l- aħħar emendata bid- Direttiva 92/118/EEC (²), u b' mod partikolari l-Artikolu 20(3) ta' dan,

Billi:

- (1) Studji varji tal- Komunità u seminarji jindikaw li n-network ta' l- arkitettura ANIMO għanda tiġi riveduta bil- għan li tkun stabbilita sistema veterinarja li tinkludi l- applikazzjonijiet kompjuterizzati differenti wżati.
- (2) Deċiżjoni 92/486/KEE tal- 25 ta' Settembru 1992 tistabilixxi l- forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru ta' ospitazzjoni ANIMO u l- Istituti Membri (³), kif l- aħħar emendata minn Deċiżjoni 2000/288/KE (⁴), għanda tkun emendata b' mod xieraq sabiex tiggarantixxi l-kontinuità tan-network ta' l- ANIMO.
- (3) Il- miżuri li hemm provvuti f' din id- Deċiżjoni huma skond l- opinjoni tal- Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIJONI:

**Artikolu 1**

Is- segwenti paragrafu 6 hu miżjud ma' l-Artikolu 2a ta' Deċiżjoni 92/486/KEE:

"6. Għall- perijodu mill- 1 ta' April 2001 sa' l- 31 ta' Marzu 2002, l- awtoritajiet ta' koordinazzjoni li hemm provvediment għalihom fl-Artikolu 1 ser jiżguraw li l-kuntratti li għalihom hemm referenza f' dak l- Artikolu huma estiżi għal sena.

Is- segwenti ħlas ser tapplika fir-rigward ta' dan il-paragrafu:

— ECU 386 għal kull unità (unità ċentrali, unità lokali, post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera) għal kull wieħed mill-unitajiet ANIMO elenkti f' Deċiżjoni 2000/287/KE (\*).

(\*) ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 12."

**Artikolu 2**

Din id- Deċiżjoni ser tapplika mill- 1 ta' April 2001.

**Artikolu 3**

Din id- Deċiżjoni hi ndirizzata lill- Istituti Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' April 2001.

**Għall- Kummissjoni**

David BYRNE

Membru tal- Kummissjoni

(¹) ĠU L 224, tal-18.8.1990, p. 29.

(²) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.

(³) ĠU L 291, tas-7.10.1992, p. 20.

(⁴) ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 37.